**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta 16 ta' Frar, 2018**

**Avviz nru 297/2017 AM3**

**Numru fuq il-lista: 39**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Harvey Gregory Stephen (40068A)**
**Suntrope Court, Flat 1,**
**Triq Sant' Antnin,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Gunju, 2017 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' tmien mija u tmienja u hamsin ewro u tmien centezmu (€858.08c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 55158619.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż

tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma li l-ammont ghadu dovut, t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, u ghaldaqstant it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u tmienja u hamsin ewro u tmien centezmu (€858.08c) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Mejju, 2016 data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 769/17 tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż , inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**